MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-9 ta' April, 2018

Rikors Maħluf Numru 1132/15LM

**Joseph Azzopardi (K.I. 493157M)**

***vs.***

**Monica Pace Gouder (K.I. 525946M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-1 ta' Diċembru, 2015 mill-attur **Joseph Azzopardi** (minn issa 'l quddiem "l-attur"), li jgħid kif ġej:

1. *Illi l-partijiet kienu involuti f'inċident awtomobilistiku nhar it-18 ta' Mejju, 2014, fi Triq il-Qawra, San Pawl il-Baħar, għal ħabta tal-għaxra u kwart ta' filgħaxija (10.15 p.m.), f'liema inċident l-esponent Joseph Azzopardi kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu Hyundai Accent, numru ta' reġistrazzjoni GAC-854.*

2. *Illi l-inċident in deżamina seħħ unikament per konsegwenza ta' sewqan negliġenti, perikoluż, imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku imputabbli solament lill-intimata, kif del resto ser jirriżulta pjenament waqt is-smigħ u t-trattazzjoni ta' dina l-kawża, u dana meta l-intimata kienet qiegħda ssuq il-vettura tat-tip Mazda, numru tar-reġistrazzjoni HAS-482 meta bi ksur flagranti tar-regolamenti tat-traffiku, ħarġet mill-karreġġjata tagħha u daħlet fil-karreġġjata li fuqha kien qiegħed isuq ir-rikorrent lejn id-direzzjoni opposta kif jirriżulta mill-anness sketch, immarkat Dok. A.*[1]

3. *Illi per konsegwenza diretta tal-impatt, l-esponent sofra danni konsiderevoli konsistenti fit-telf assolut tal-vettura tiegħu Hyundai Accent, u kif ukoll f'diżabilità permanenti f'persuntu, kif ser jiġi ppruvat ulterjorment.*

4. *Illi għad li l-konvenuta ġiet interpellata diversi drabi sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni msemmija, inkluż permezz tal-ittra uffiċjali numru 1720/14 kopja annessa u mmarkata Dok. B*[2]*, l-istess intimata ripetutament naqset milli tagħmlu dan u għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

5. *Illi l-esponent jaf b'dawn il-fatti personalment.*

*Għaldaqstant l-esponent jitlob reverentement illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

i. *Tiddikjara illi l-inċident ta' nhar it-18 ta' Mejju, 2014, fi Triq il-Qowra ġewwa San Pawl il-Baħar għal ħabta tal-għaxra u kwart ta' filgħaxija (10.14 p.m.) seħħ unikament minħabba* sewqan *negliġenti* (recte)*, perikoluż, imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-intimata Monica Pace Gouder;*

ii. *Tiddikjara illi r-rikorrenti Joseph Azzopardi sofra danni konsistenti f'damnum emergens u lucrum cessans, inkluż bit-telf assolut tal-vettura tiegħu tat-tip Hyundai Accent bin-numru tar-reġistrazzjoni GAC-854 u kif ukoll permezz ta' diżabilità permanenti;*

iii. *Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attur, occorrendo bin-nomina ta' esperti nominandi;*

---

[1] *A fol.* 4.

[2] *A fol.* 5, mibgħuta fl-4 ta' Ġunju, 2014 lill-konvenuta u lis-soċjetà assikuratriċi tagħha GasanMamo Insurance Agency fejn ġew interpellati biex jersqu għal-likwidazzjoni tad-danni. Dawn ġew notifikati rispettivament fid-9 ta' Ġunju, 2014 u fis-26 ta' Ġunju, 2014.

*iv. Tordna u tikkundanna lill-intimata tħallas is-somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-ħlas effettiv, bil-konvenuti minn issa inġunti in subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuta **Monica Pace Gouder** (minn issa 'l quddiem "il-konvenuta") li ġiet ippreżentata fl-4 ta' Jannar, 2016, li biha eċċepiet:

1. *ILLI preliminarjament, jiġi rilevat illi t-tort għall-inċident diġà ġie aċċettat mis-soċjetà GasanMamo Insurance Limited (C-3143) fil-kwalità tagħha bħala assikurattriċi tal-intimata Monica Pace Gouder, u dana sa minn qabel ma ġiet ippreżentata din il-kawża; tant illi sa xahrejn wara l-inċident, fl-4 ta' Lulju, 2014 is-soċjetà GasanMamo Insurance Limited ħallset lir-rikorrenti s-somma ta' tmien mitt Euro (€800.00) għall-ispejjeż sofferti minnu fuq il-vettura tiegħu bin-numru tar-reġistrazzjoni GAC-854 – hekk kif jirriżulta mid-Dok. GMI. 1 anness.*[3]

   *Għaldaqstant, l-ewwel talba tar-rikorrenti hija diġà eżawrita, u l-intimata ma għandhiex tiġi kkundannata tħallas l-ispejjeż legali in konnessjoni mal-istess talba;*

2. *ILLI, bl-eċċezzjoni tad-danni illi tħallsu ai termini ta' Dok GMI.1 suriferit, ir-rikorrenti qatt, sa mid-data tal-inċident sal-lum, ma talab jew irreklama kwalsiasi somma ta' danni oħra damnum emergens u/jew lucrum cessans mill-esponenti jew mis-soċjetà assikuratriċi GasanMamo Insurance Limited; u għaldaqstant kull somma ta' danni hija kkontestata mill-esponenti, u r-rikorrenti għandu jressaq kull prova valida skont il-liġi sabiex tistabbilixxi dak illi fil-fatt sofra in linea ta' danni in konnessjoni ma' dan l-inċident u li turi li d-danni pretiżi minnu huma riżultat <u>esklussiv</u> tal-inċident mertu tal-kawża u tal-ebda inċident preċedenti, jew ta' xi pre-existing health condition illi seta' kien qed ibati minnha, jew ta' kwalunkwe ċirkostanża oħra;*

[3] *A fol.* 14: *"*GasanMamo insurance, *claim no. M144699, DISCHARGE RECEIPT,* *I the undersigned, Mr Joseph Azzopardi holder of I.D. No. 493157M residing at Titanic, Triq il-Lewż, Baħrija, Rabat, hereby acknowledge that I have this day received from Messrs. GasanMamo Insurance Limited of Msida Road, Gżira GZR 03 as insurers of Mrs Monica Pace Gouder the sum of EIGHT HUNDRED EURO only (€800), in full and final settlement of all my claims, cover vehicle damages, now or hereinafter manifest and arising out of the accident which occured on the 18th May, 2014 at Qawra between MAZDA 323 Reg. No. HAS-482 driven by Ms Monica Pace Gouder and Hyundai Accent Reg. No. GAC-854 driven by the undersigned. It is being understood that injury claim is still pending",* datata 04.07.2014 u ffirmata mill-attur u minn xhud.

3. *ILLI subordinatament għat-tieni eċċezzjoni, f'dak illi għandu x'jaqsam mal-allegata debilità permanenti sofferta mir-rikorrenti, għandu jiġi rrilevat illi dan qatt ma pprezenta lill-intimata jew lill-assikuraturi tagħha – GasanMamo Insurance Limited – xi rapport mediku jew dokumenti oħra rilevanti għall-każ, sabiex ikunu jistgħu jillikwidaw u jħallsu kwalunkwe somma ta' danni illi tirriżulta; u kwindi dina l-kawża hija intempestiva għall-aħħar, u bl-ebda mod m'għandha l-intimata tiġi kkundannata tħallas l-ispejjeż ta' dina l-proċedura;*

4. *ILLI fl-aħħar nett, l-intimata teċċepixxi illi f'każ ta' kwalunkwe likwidazzjoni ta' danni a favur ir-rikorrenti, għandha titnaqqas kull somma ta' benefiċċju u/jew kumpens illi r-rikorrenti diġà ħa jew ser jieħu minn sorsi oħrajn – sew pubbliċi kif ukoll privati – minħabba l-istess inċident mertu tal-kawża odjerna;*

5. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-każ.*

Rat il-verbal tal-udjenza tal-15 ta' Ġunju, 2016, fejn il-partijiet qablu li jiġi maħtur bħala espert mediku Mr Ray Gatt biex, wara li jeżamina lill-attur, jirrelata dwar il-konsegwenzi tal-inċident imsemmi fir-Rikors Maħluf fuq l-istat ta' saħħa tal-attur u jekk konsegwenza tal-istess inċident l-attur ġarrabx xi debilità permanenti u f'liema grad.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-19 ta' Frar, 2018 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

## Il-kwistjoni bejn il-partijiet

Dak li huwa kkontestat mill-partijiet f'din il-kawża huwa l-*quantum* tad-*damnum emergens* u tal-*lucrum cessans* li allegatament sofra l-attur fuq persuntu minħabba l-inċident li seħħ fit-18 ta' Mejju, 2014 fi Triq il-Qawra, San Pawl il-Baħar. Il-konvenuta tramite s-soċjetà assikuratriċi tagħha GasanMamo Insurance Limited aċċettat ir-responsabbilità għall-inċident qabel ma ġiet ippreżentata l-kawża u għalhekk l-ewwel talba tal-attur hija diġà eżawrita. Il-konvenuta eċċepiet ukoll li l-attur qabel ġiet ippreżentata l-kawża ma rreklama ebda danni oħrajn bħala *damnum emergens* u *lucrum cessans*[4] mingħand il-konvenuta jew mingħand is-soċjetà assikuratriċi tagħha u għalhekk jeħtieġ li l-attur iġib provi ta' dawn id-danni. Inoltre peress li l-attur naqas milli jippreżenta lill-konvenuta jew lis-soċjetà assikuratriċi dokumentazzjoni rilevanti għall-każ, sabiex ikunu jistgħu jillikwidaw u jħallsu kwalunkwe somma ta' danni illi tirriżulta, dina l-kawża hija intempestiva, u bl-ebda mod il-konvenuta m'għandha tiġi kkundannata tħallas l-ispejjeż ta' dina l-kawża. Finalment il-konvenuta eċċepiet illi jekk jitħallas xi kumpens lill-attur, dan għandu jiġi mnaqqas minn kwalunkwe ħlas li jkun diġà rċieva minħabba l-istess inċident minn sorsi privati jew pubbliċi.

## Provi u riżultanzi

L-attur **Joseph Azzopardi** fl-*affidavit* tiegħu jgħid[5] illi meta seħħ l-inċident inkwistjoni kellu miegħu lil martu Doris u lit-tliet neputijiet tiegħu, it-tfal tat-

---

[4] Fid-*discharge receipt a fol.* 14 ippreżentata mill-konvenuta, kien ġie riżervat mill-attur *"it is being understood that injury claim is still pending."*

[5] *A fol.* 18 sa 20.

tifla tiegħu Anna Azzopardi, l-iżgħar waħda min-neputijiet ta' madwar tmien xhur. L-attur jispjega li meta l-vettura tal-konvenuta ħarġet mill-karreġġjata tagħha u daħlet fil-karreġġjata tiegħu u ħabtet mal-vettura tiegħu, l-impatt seħħ fuq in-naħa tax-xufier u allura l-akbar impatt ħadu hu. Azzopardi aċċerta ruħu li l-passiġġieri fil-vettura tiegħu ma kinux weġgħu, u kienet biss in-neputija tiegħu ta' tmien snin li kellha wiċċha aħmar għax kienet warajh meta seħħ l-impatt. Għalkemm l-attur ħareġ mill-vettura tiegħu biex joħroġ lill-passiġġieri, huwa kellu wġigħ kbir fi spalltu l-leminija u kellu biss ftit saħħa u moviment fiha. Azzopardi jgħid illi wara li n-neputijiet ittieħdu l-isptar, hu baqa' fuq il-post mal-vettura tiegħu għax iż-żewġ vetturi involuti kellhom jibqgħu fuq il-post tal-inċident sakemm il-Pulizija ġiet assikurata li t-tfal ma kellhomx ġrieħi gravi. L-attur jgħid li kien għadu b'xokk fuqu meta wara ddeċieda li jmur d-dar għax ħaseb li l-uġigħ seta' jgħaddilu. Iżda matul il-lejl l-uġigħ żdiedlu u l-għada mar il-poliklinika tal-Mosta minfejn bagħtuh l-Isptar Mater Dei għall-*x-rays.* Azzopardi jgħid li peress li hu kien ħadem fis-settur tal-kostruzzjoni u kien mdorri b'ċertu wġigħ, huwa ħaseb li l-uġigħ kien ser jgħaddilu, imma għal kuntrarju f'idu l-leminija ma kellux saħħa u l-uġigħ baqa' ma taffiex. L-attur jgħid li kienu qalulu li kellu muskolu mċarrat u li kellu bżonn jagħmel operazzjoni u għalhekk mar għal vista għand il-Professur Massimo Abela u dan irrikmandalu lil Professur John A. Casaletto li għamel l-istess dijanjosi, però dan ma kienx f'posizzjoni li jiggarantilu li l-operazzjoni kienet ser tirnexxi. L-attur jgħid li sal-lum għadu ma ġiex operat u qal li l-konsulenti legali tiegħu kienu kitbu kemm lill-konvenuta u kemm lis-soċjetà assikuratriċi tagħha biex jersqu għal-likwidazzjoni tad-danni, iżda dawn ma kinux wieġbuh lura. Azzopardi jgħid illi minħabba l-inċident għadu jieħu mediċini sal-lum.

L-attur Joseph Azzopardi meta xehed *viva voce*[6], qal illi wara l-inċident martu u n-neputijiet kienu ttieħdu l-isptar, imma hu għalkemm kellu idu u spalltu tuġgħu, kien baqa' fuq il-post tal-inċident biex joqgħod mal-vettura tiegħu li kienet għadha f'nofs ta' triq. Azzopardi jgħid li hu kien jaf li weġġa' għax il-pilastru tal-bieba tal-vettura tiegħu bid-daqqa kien ġie għal fuq idu l-leminija. L-attur jispjega li meta jgħid li m'għandux saħħa f'idu il-leminija, filwaqt li mhux problema meta idu tkun imniżżla, meta jgħolliha biex jerfa' xi ħaġa tirrispondilu u jkollu jniżżilha. Azzopardi jgħid illi qabel l-inċident ma kellux din il-problema u peress li xogħlu kien ta' bennej, qabel l-inċident kien anki jiflaħ jerfa' l-ġebel, imma llum anki biex jaħsel rasu, tirrispondih idu l-leminija. Għalhekk illum ma jistax jerfa' u filwaqt li qabel kien jagħmel dak li kien ikun hemm bżonn bħala xogħol tal-ġebel, katusi, tikħil, xi tlieta jew erba' xhur wara l-inċident kellu jaqleb *part-time* u llum isuq it-trakkijiet.

Bħala *damnum emergens* l-attur esebixxa[7] sitta u għoxrin (26) irċevuta u fattura waħda għas-somma totali ta' €984.39. Il-fattura ta' €70 li tinsab *a fol. 75* tal-proċess u l-irċevuta tal-Isptar St. James bl-istess data tal-fattura, għal €70 li tinsab *a fol.* 76 tal-proċess, jirreferu għall-istess ħaġa. Dawn l-irċevuti jagħmlu riferiment għal ħlasijiet li għamel l-attur lil tobba kuranti u konsulenti u għall-mediċini li kellu jixtri minħabba l-ġrieħi li ġarrab fl-inċident mertu tal-kawża. Tnax (12) minn dawn l-iriċevuti huma għall-ħlasijiet lit-tabiba Dr Charmaine Donath fl-ammont totali ta' €80; seba' (7) irċevuti għal ħlasijiet lil Tat-Tarġa Heath Clinic ta' €80 jew €90-il waħda, għas-somma totali ta' €600; l-irċevuta fiskali fejn jidher il-kunjom Micallef ta' €70, mhuwiex ċar għal xiex kienet[8]; irċevuta ta' €17.75 maħruġa minn Grognet Pharmacy; irċevuta ta'

[6] *A fol.* 41 sa 43.
[7] *A fol.* 54 sa 76.
[8] *A fol.* 70.

€6.65 maħruġa minn Baħrija Pharmacy; irċevuta ta' €133 maħruġa minn Optika Specs li ma ġiex spjegat għaliex eżattament kienet; u rċevuta ta' €6.99 maħruġa mill-Għassa tal-Pulizija tal-Qawra għal kopja tal-okkorrenza. Dawn l-irċevuti huma datati minn wara li seħħ l-inċident sa Settembru tal-2015.

L-attur in kontroeżami[9] spjega li l-professur kien qallu li biex jagħmel l-operazzjoni li kellu bżonn fi sptar privat, kienet tiġih madwar €3,500 li hu ma kienx jiflaħ iħallas. B'riferiment għall-ittra uffiċjali li tinsab *a fol.* 5 tal-proċess, mistoqsi x'tip ta' danni kien qed jitlob, l-attur qal li milli jiftakar kien qiegħed jitlob il-ħlas għall-operazzjoni. L-attur jgħid li lanqas biss kienu tawh tweġiba, iżda ammetta li xahar wara li kien bagħat l-ittra uffiċjali, is-soċjetà assikuratriċi tal-konvenuta kienet aċċettat li l-konvenuta kellha tort fl-inċident u kienet ħallsitu l-valur tal-vettura tiegħu. L-attur spjega li minn mindu kellu sittax-il sena kien jerfa' il-*bricks* u jlesti t-tajn għall-bennejja. Wara għamel xi seba' snin jerfa' l-ġebel u wara beda jaħdem ta' bennej. L-attur jgħid li fi żmien l-inċident huwa kien qed jirreġistra għax-xogħol għax kien hemm nuqqas ta' xogħol. L-attur jgħid li għall-bidu kien ħaseb li l-uġigħ kien wieħed normali. Qabel l-inċident ma kellux problemi biex jerfa' l-ġebel u ż-żewġ idejn kienu b'saħħithom minkejja li fuq il-lant tax-xogħol kien ikollu xi inċidenti, li però dejjem fieq minnhom, bħal meta ġarrab daqqa f'rasu, meta kantun ħadlu subgħajh u meta qata' idu bis-serrieq. L-attur jgħid li dakinhar tal-inċident meta għamel id-dikjarazzjoni lill-Pulizija, veru li ma kien semma xejn dwar idu u l-uġigħ għax sa dak il-ħin idu kienet imtarxa u kien moħħu biss biex jara x'kien ġralhom it-tfal li kienu ħaduhom l-isptar. L-attur jgħid li ma jiftakarx minn kien rah l-għada fil-poliklinika tal-Mosta, però l-għada jew il-pitgħada

[9] *A fol.* 77 sa 82 u 108 u 109.

kienu bagħtuh l-isptar għat-testijiet. Wara kien mar għand professur li kien qallu li għandu bżonn operazzjoni, imma peress li hu ma kienx jagħmel dit-tip ta' operazzjoni, kien irreferih lil xi ħaddieħor. It-tieni professur kien bagħtu l-Isptar Mater Dei biex jagħmel MRI fejn irriżulta li kellu tiċrita fil-muskolu, iżda ma jafx kemm kienet kbira t-tiċrita. L-attur jgħid li wara li mar il-poliklinika beda jinduna li ma setax jgħolli idu anki biex sempliċement jagħmel xagħru, u għadu hekk sal-lum.

Xehdet ukoll **WPS 274 Francesca Quattromani**[10] li qalet li kienet marret fuq il-post tal-inċident imma setgħetx tippreżenta l-*prime note* li kienet għamlet dakinhar għax kienet ix-xita u dawn ixxarbu, imma esebiet il-*Full Road Traffic Accident Report* bl-i*sketch*[11] li għamlet u ċ-ċertifikati tal-Isptar Mater Dei ta' dakinhar.[12] Ix-xhud ikkonfermat li l-konvenuta kienet qaltilha li kienet skiddjat u spiċċat fuq il-karreġġjata opposta fejn kien qed isuq l-attur. Mir-rapport tal-Pulizija il-ħsara viżibbli fuq il-vettura tal-attur kienet fuq il-*bonnet, front bumper, front right wing, front windscreen u right headlight.* In kontroeżami[13], s-surġent Francesca Quattromani qalet li t-tliet itfal tat-tifla tal-attur kienu ttieħdu l-isptar u hi wara staqsiet liż-żewġ xufiera li baqgħu fuq il-post tal-inċident jekk kellhomx bżonn assistenza medika u t-tnejn wieġbu li ma kellhomx bżonn.

Xehed ukoll **Christian Vella**[14], *Senior Claims Adjustor* mas-soċjetà tal-assikurazzjoni tal-vettura tal-konvenuta, GasanMamo Insurance Limited. Dan ix-xhud spjega li l-għada tal-inċident il-konvenuta kienet ġiet għandhom bir-

---

[10] *A fol.* 26 u 27.
[11] *A fol.* 29 sa 36, bl-i*sketch a fol.* 37.
[12] *A f*ol. 38 sa 40, li jirreferu għat-tfal Ella, Andrè u Amy, neputjiet tal-attur.
[13] *A fol.* 27 u 28.
[14] *A fol.* 83 sa 87.

rapport tal-Pulizija u jgħid li f'dan ir-rapport kienu jissemmew biss t-tliet neputijiet tal-attur li kellhom *slight injuries,* iżda l-attur ma kienx jissemma. Il-konvenuta kienet inxurjata *comprehensive* u kien irriżulta li vettura tal-konvenuta kienet *beyond economical repair.* Ix-xhud jgħid li fl-4 ta' Ġunju, 2014 l-attur bagħat l-ewwel ittra tiegħu[15] fejn ma jissemmewx *personal injuries.* Ix-xhud jgħid li ma jidhirlux li kienu rrispondew din l-ittra, però qal li fil-11 ta' Ġunju, 2014 għamlu *survey* fuq il-vettura tal-attur mingħajr preġudizzju u rriżulta li kienet ukoll *beyond economical repair.* Ix-xhud jgħid li kienu ħallsu lill-konvenuta permezz ta' *cash settlement* fid-19 ta' Ġunju, 2014 u ffirmatilhom *discharge receipt.* Il-ġenituri tan-neputijiet tal-attur iffirmaw ukoll *discharge receipt* li t-tfal ma kienu sofrew ebda danni.[16] Ix-xhud jgħid li dakinhar stess l-attur kien infurmahom għall-ewwel darba li kellu *shoulder injury* u skont ċertifikati[17] li huwa tahom, kien ġie riferut biex jagħmel G Scan. Ix-xhud jgħid li kienu ftiehmu mal-attur li jħallsuh tal-vettura u li jħallu pendenti il-kwistjoni tal-*injuries* li kellu. Ix-xhud jgħid li kienu ħallsu lill-attur *b'cash settlement* għall-vettura tiegħu fl-4 ta' Lulju, 2014[18] u minn dakinhar ix-xhud jgħid li ma semgħu xejn aktar mingħandu ħlief meta ħu l-konvenuta, li kien klijent tagħhom, ċertu Vella Laurenti fl-14 ta' Diċembru, 2014 kien infurmahom bin-notifika tal-kawża odjerna li kienet irċeviet oħtu.

[15] Ix-xhud qed jagħmel riferiment għall-ittra uffiċjali, *a fol.* 5.
[16] *A fol.* 89 u *a fol.* 90.
[17] *A fol.* 92 maħruġ minn Mr Massimo Abela u datat 17.06.2014.
[18] D*ischarge receipt, a fol.* 14.

*Ir-rapport tal-espert mediku Mr Ray Gatt*[19]

Wara l-eżami kliniku li għamel l-espert mediku **Mr Ray Gatt** fuq l-attur u wara li ra ic-*CT Scan* ta' Ġunju, 2014, l-*ultrasound* tal-ispalla datat 30 ta' Jannar, 2015 u l-*x-rays* datati 25 ta' Ġunju, 2016, l-espert mediku kkonkluda:

> "Fil-preżent, Joseph Attard (*recte* Azzopardi) għadu jilmenta bil-problemi fuq l-ispalla tal-lemin, kaġun tal-inċident li sofra fl-2014. Hemm sinjali kliniċi tajbin li l-ispalla għandha problema ta' *dysfunction* u dan huwa kkorroborat minn testijiet radjoloġiċi. Hemm tiċrita kbira ta' muskolu fl-ispalla, u fil-fatt il-pazjent qiegħed jistenna operazzjoni. Il-pazjent ammetta taħt ġurament li hu qatt ma kellu problemi fl-ispalla tal-lemin.
> Fil-fehma tiegħi Joseph Azzopardi sofra diżabilità fiżika permanenti riżultat tal-inċident tal-2014 ta' 5%. Dawn meħudin minn nuqqas ta' movimenti tal-ispalla tal-lemin u n-nixfa tal-muskoli madwar il-ġewnah. (*Fig. 16 – 43, movements of abduction, adduction, fig. 16 – 46, movements of external and internal rotation, and Table 16 - 3*[20]*).*

L-attur ippreżenta wkoll prospett tad-danni pretiżi minnu[21], li jagħmel riferiment għall-irċevuti msemmija, għas-somma totali ta' €894.39 bħala *damnum emergens.* Bħala *lucrum cessans,* il-prospett ippreżentat mill-attur jagħmel riferiment għar-rapport tal-espert mediku Mr Ray Gatt li kkonkluda li l-attur b'konsegwenza tal-inċident mertu ta' din il-kawża, ġarrab diżabilità permanenti ta' 5%. Bħala telf ta' paga u *lump sum payment* l-attur jagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **James Spiteri *vs.* Joseph Magro *et***[22] u jgħid li l-*multiplier* ta' 6 snin u l-*lump sum deduction* ta' 12%, iġifieri tnaqqis ta' 2% għal kull sena li għaddiet bit-trapass ta' erba' snin mid-data tal-inċident. Il-prospett ippreżentat mill-attur jikkalkula l-paga minima fuq dik tal-2017, li

[19] *A fol.* 98 sa 101.
[20] *Guides to the Evaluation of Permanent Impairment (American Medical Association, Fifth Ed.).*
[21] *A fol.* 113.
[22] Q.A., 05.12.2014.

kienet ta' €169.76 fil-ġimgħa għal ħaddiem *full-time* u ċjoè €8,827.56 fis-sena. L-attur jikkalkula li normalment il-paga minima nazzjonali tiżdied bi €303.78 fis-sena u għalhekk fi żmien sitt snin din titla' għal €10,650.24 u għalhekk ikkalkula l-paga minima nazzjonali bħala l-medja tal-paga minima nazzjonali fl-2017 u dik ta' sitt snin wara, ċjoè €9,738.90. Bħala *multiplier* l-attur jagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **John Peter Stanton *vs.* Schembri & Sons Limited**[23] u jikkonkludi li dan kellu jiġi kkalkulat fuq perijodu ta' sitt snin. Abbażi ta' dawn il-parametri l-attur jikkalkula l-*lucrum cessans* fis-somma totali ta' €2,571.07. B'hekk id-*damnum emergens* u *lucrum cessans* iġibu s-somma ta' €3,465.46.

## Kunsiderazzjonijiet legali

Illi kwantu għar-raba' eċċezzjoni tal-konvenuta li f'każ ta' kwalunkwe likwidazzjoni ta' danni a favur l-attur, għandha titnaqqas kull somma ta' benefiċċju u/jew kumpens illi l-attur diġà ngħata jew ser jieħu minn sorsi oħrajn, sew pubbliċi kif ukoll privati minħabba l-inċident mertu tal-kawża odjerna, din għandha tiġi miċħuda għas-sempliċi fatt li ma nġabu ebda provi li l-attur seta' tħallas diġà għal xi wħud mill-allegati danni minn xi sorsi oħrajn. Il-Qorti trid ta' bilfors tiddeċiedi abbażi tal-provi li jitressqu quddiemha. Fid-dawl tal-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna[24], li min jallega jrid jipprova, ossija *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui*

[23] P.A., 16.12.2013.

[24] **Dr. H. Lenicker *vs.* J. Camilleri**, P.A., 31.05.1972, **Peter Paul Aquilina *vs.* Paul Vella**, App. Inf., 02.05.1995 u **Anthony Azzopardi *et. noe vs.* Lapsi Holdings Limited**, P.A., 19.01.2015, **Theuma *vs.* Mercieca,** Q.A., 20.02.1996, **Fenech Clarke *et vs.* Borg *et,*** Q.A., 30.05.1997, **Martin Mifsud *et vs.* Marika Almerigo,** P.A., 16.04.2013, **Joseph Zammit *vs.* Joseph Hili**, Q.A., 27.06.1953, **Frank Giordimaina Medici *et vs.* William Rizzo et, P.A.,** 28.04.2004, **Middle Sea Insurance *p.l.c. vs.* Rudolph Spiteri**, P.A., 31.01.07**, u Mizzi *noe vs.* Borg *et,*** P.A., 29.09.2009.

*negat*, kif wara kollox jgħid ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kien jispetta lill-konvenuta li tipprova dan, imma dan m'għamlitux.

Tqis ukoll li għandha tagħmel tagħha l-konklużjonijiet tal-espert mediku maħur mill-Qorti Mr Ray Gatt li la saret eskussjoni tiegħu u lanqas ma saret talba għall-ħatra ta' esperti addizzjonali. Kif ġie ritenut kostantement fil-ġurisprudenza nostrali[25]:

> "Il-Qorti fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi għalhekk ma tarax għaliex ma għandhiex tadotta u tagħmel tagħha l-konklużjonijiet tal-espert tekniku. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawża deċiża fit-23 ta' Ġunju, 1967 fl-ismijiet **Giswarda Bugeja *vs.* Emanuele Muscat *et*** għalkemm il-Qorti mhux marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet peritali kontra l-konvinzjonijet tagħha nnifisha, u l-konklużjonijiet peritali bħal materjali istruttorji oħrajn kontrollabbli mill-ġudikant, madankollu *il giudizio dell'arte* espress mit-tekniku ma jistgħux u ma għandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakoltà lilha mogħitja b'talba ta' nomina ta' periti addizzjonali, jiġi skartat faċilment, ammenokke ma jkunx jidher sodisfaċentement illi l-konklużjonijiet peritali huma fil-kumpless kollu taċ-ċirkostanzi irraġonevoli."

Il-Qorti sejra għalhekk taddotta l-perċentwal ta' diżabilità permanenti ta' 5% kif ġie kkonstatat u spjegat fir-rapport tal-espert mediku Mr Ray Gatt. Veru li l-Qorti tista' tadotta perċentwal ogħla jekk jidhrilha li l-perċentwal ta' diżabbilità permanenti kkalkulat mill-espert mediku ma jkunx jirrifletti għal kollox it-telf effettiv bħala qligħ kif ġie ritenut fis-sentenza magħrufa **Michael Butler *vs.* Peter Christopher Heard**[26]:

> "Dak li jrid jiġi stabbilit ma huwiex il-grad ta' inkapaċità f'sens purament

[25] Ara s-sentenza fl-ismijiet **John Busuttil *et vs.* Tapa Limited**, P.A., 11.01.2010, ikkonfermata mill-Qorti tal-Appel fil-31.05.2013.
[26] Q.A., 22.12.1967.

> mediku, iżda l-effett li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tad-danneġġjat. Ir-riduzzjoni effettiva tal-qligħ tista' ma tikkorrispondix mal-grad ta' menomazzjoni fiżika tad-danneġġat kalkolat mit-tabib."[27]

Iżda fil-prospett tad-danni pretiżi mill-attur[28] huwa stess aċċetta l-perċentwal ta' 5% bħala d-diżabilità permanenti li huwa ġarrab u allura din il-Qorti ser toqgħod fuq il-perċentwal ta' diżabbilità permanenti stabbilit mill-espert mediku.

Tqis ukoll illi fir-rigward tal-ewwel talba tal-attur biex il-Qorti tiddikjara li l-konvenuta kienet responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża, din it-talba saret inutilment stante li mill-provi jirriżulta li s-soċjetà assikuratriċi tal-konvenuta kienet diġà aċċettat it-tort għall-inċident qabel ma ġiet ippreżentata din il-kawża u dan kien jafu anki l-attur. Tqis għalhekk li din it-talba saret inutilment u li l-attur għandu jbati l-ispejjeż ta' din l-ewwel talba tiegħu u għalhekk l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta għandha tiġi milqugħa.

Fit-tielet eċċezzjoni tagħha l-konvenuta tikkontendi li irrispettivament minn x'danni jiġu akkordati favur l-attur, għal dak illi għandu x'jaqsam mal-allegata debilità permanenti sofferta mill-attur, dan qatt ma ppreżenta lill-konvenuta jew lis-soċjetà assikuratriċi tagħha GasanMamo Insurance Limited xi rapport mediku jew dokumenti oħra rilevanti għall-każ, sabiex ikunu jistgħu jillikwidaw u jħallsu kwalunkwe somma ta' danni illi tirriżulta. Il-konvenuta għalhekk teċċepixxi li dina l-kawża hija intempestiva, u hi bl-ebda mod m'għandha tiġi kkundannata tħallas l-ispejjeż ta' dina l-kawża. L-attur għalkemm fir-rikors maħluf tiegħu jgħid li interpella diversi drabi lill-konvenuta biex tersaq għal-

[27] Ara f'dan is-sens ukoll **Joseph Abela *vs.* Martin Spanjol***,* P.A., 30.03.1993, **Xuereb *vs.* Spalding *et***, P.A., 10.07.2003 u **Borg *pro et noe vs.* Muscat**, P.A., 09.01.1973.

[28] *A fol.* 113.

likwidazzjoni tad-danni li sofra fuq persuntu, l-attur ma ġab ebda prova ta' dan u filwaqt li xehed li kien qed jippretendi li s-soċjetà assikuratriċi tal-konvenuta tħallsu għall-operazzjoni privata li kellu jagħmel, jidher li l-attur ma baqax jinsisti fuq dan, tant li stqarr li ma kienx propens li jagħmel din l-operazzjoni wara li il-Professur Casaletto ma ggarantilux li din kienet ser tirnexxi. Mix-xhieda tar-rappreżentant ta' GasanMamo Insurance Limited, Christian Vella u t-*timeline* fattwali li ppreżenta u li xehed dwarha, jirriżulta li GasanMamo rriżervat mingħajr preġudizzju għan-nom l-konvenuta ħlas għal *personal injuries* lill-attur, imma dan qabel ma fetaħ il-kawża baqa' ma indikalhomx x'ammont kien qed jippretendi bħala danni. Madankollu kif jirriżulta ċar mill-andament tal-kawża, il-konvenuta u s-soċjetà assikurattriċi tagħha kienu qegħdin jikkontestaw li l-attur tabilħaqq kien sofra danni fuq persuntu konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża, tant hu hekk baqgħu jinsistu li dakinhar tal-inċident l-attur ma kien ilmenta minn ebda wġigħ u lanqas ma kien mar l-isptar man-neputijiet tiegħu għal *check-up.* Il-Qorti għandha dubji serji dwar kemm is-soċjetà assikuratriċi tal-konvenuta effettivament kienet ser tħallas lill-attur għad-danni fiżiċi qabel ma ġiet intavolata din il-kawża. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni tal-konvenuta ser tintlaqgħa biss *in parte* b'mod li l-ispejjeż ser jiġu apporzjonati nofs bin-nofs bejn il-partijiet, għajr għall-ispejjeż dwar l-ewwel talba li għandhom jitħallsu mill-attur.

Għandu jingħad ukoll li din il-Qorti tqis bħala verosimili ħafna u ma tiddubitax mill-verżjoni li ta l-attur dwar id-diżabbilità li ġarrab fi spalltu u f'idu. Fiċ-ċirkustanzi kif seħħ l-każ u bl-inkwiet li kellu fuqu l-attur bħala nannu ta' tliet itfal li t-tifla tiegħu kienet fdat miegħu, magħdud max-xokk li seta' kellu l-attur wara l-ħabta u flimkien mal-fatt li s-sensazzjoni ta' idu l-leminija dak il-ħin

eżatt wara l-inċident kienet imtarrxa, l-attur kien tassew weġġa' spalltu u idu mad-daqqa tal-vettura tal-konvenuta, iżda ma rrealizzax l-import tad-daqqa f'dak il-mument. Mill-i*sketch* tal-Pulizija jirriżulta li l-impatt kien verament fuq in-naħa tal-attur minn quddiem u ma nġabet ebda evidenza li l-attur b'xi mod kien diġà jsofri minn xi debilità permanenti oħra qabel seħħ l-inċident inkwistjoni.

Illi jibqa' biex għalhekk li jiġi stabbilit l-*quantum* tad-danni sofferti mill-attur.

*Damnum emergens*:

L-attur ippreżenta rċevuti li jammontaw għal €984.39. Minn-naħa tal-konvenuta, kif ingħad fit-trattazzjoni finali mill-avukat tal-konvenuta, hija qiegħda tikkontesta dawn id-danni peress li n-nota li biha ġew ippreżentati dawn l-irċevuti ma kinitx maħlufa mill-attur. Fil-verità fix-xhieda tiegħu l-attur kien qal li aktar 'il quddiem kien ser jippreżenta sett ta' irċevuti ta' dak li kien nefaq f'mediċini u tobba. L-avukata difensur tal-konvenuta għamlet riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Margaret Mifsud *et vs.* Joseph Camilleri**[29] fejn intqal:

> "Illi bħala *damnum emergens* l-attriċi ippreżentat mazz ta' dokumenti illi ġew immarkati MM2 li jikkonsistu f'irċevuti fiskali dwar mediċini u riċetti ta' tobba u ma spjegat xejn dwar dawn l-irċevuti kollha u naqset milli tipprova illi dawn l-irċevuti huma konnessi mal-inċident *de quo* u għalhekk il-Qorti ma hiex ser tieħu konjizzjoni ta' dawn l-irċevuti fiskali imsemmija".[30]

[29] P.A., 25.11.2008.
[30] Din is-sentenza ma ġietx appellata.

Din il-Qorti xorta waħda eżaminat waħda, waħda l-irċevuti ppreżentati mill-attur f'din il-kawża, minkejja li l-attur ippreżentahom bħala mazz b'nota li tgħid biss li dawn kienu dwar ħlasijiet li saru lil tobba kuranti, konsulenti u medicinali. Din il-Qorti anki vverifikat it-total imsemmi ta' €984.39 u ppruvat tikkombaċja l-irċevuti ma' dak li xehed l-attur minkejja li dan l-eżerċizzju ma sarx mill-avukati difensuri tal-attur kif kienu fid-dover li jagħmlu. Minn din l-indaġini jirriżulta li fost is-26 irċevuta u fattura waħda ppreżentati mill-attur, kien hemm 12-il riċevuta tat-tabiba Dr Charmaine Donath fis-somma totali ta' €80, liema tabiba ma ssemmietx mill-attur fix-xhieda tiegħu bħala waħda mit-tobba u konsulenti mediċi li huwa kien ra in konnessjoni mal-inċident mertu tal-kawża. Għaldaqstant dawn l-irċevuti m'għandhomx jiġu kkunsidrati. L-attur ippreżenta wkoll 7 irċevuti tat-Tarġa Health Clinic għas-somma ta' €80 jew €90-il waħda, għal total ta' €600, però ma jissemmiex għal xiex kienu dawn l-irċevuti u għalhekk dawn ukoll m'għandhomx jiġu kkunsidrati. L-attur ippreżenta wkoll irċevuta fiskali fejn jidher parti mill-kunjom Micallef, fl-ammont ta' €70 u mhuwiex ċar għal xiex kienet, li wkoll għalhekk ma tistax tiġi kkunsidrata. Hemm imbagħad irċevuta ta' €17.75 ta' Grognet Pharmacy, irċevuta ta' Baħrija Pharmacy ta' €6.65 u rċevuta ta' Optika Specs għal €133. Din il-Qorti hi propensa li taċċetta l-ewwel żewġ irċevuti bħala prova ta' ħlas ta' mediċini li kien qed jieħu l-attur kif kien spjega wkoll lill-espert mediku, però ma tistax taċċetta rċevuta ta' *opticians* li bl-ebda mod ma hi relatata mad-debilità fl-id jew l-ispalla l-leminija tal-attur. Din il-Qorti disposta li taċċetta bħala prova l-irċevuta tal-Isptar St. James maħruġa wara l-fattura ta' Prof. Casaletto għall-istess ammont ta' €70, li tikkombaċja max-xhieda tal-attur fejn qal li kien ġie suġġerit lilu biex jikkonsulta miegħu. Fl-aħħar nett hemm l-irċevuta maħruġa mill-għassa tal-Pulizija tal-Qawra ta' €6.99 għal kopja tal-okkorrenza. Il-Qorti tqis għalhekk li ġie ppruvat li l-attur sofra bħala

*damnum emergens* relatat mal-inċident mertu tal-kawża l-ammonti tal-erba' rċevuti li jinsabu *a fol.* 54, 65, 69 u 75/76, għas-somma totali ta' €101.39.

*Lucrum cessans:*

Mit-trattazzjoni finali tal-avukat difensur tal-konvenuta, jirriżulta li ma hemmx kontestazzjoni dwar ir-rata ta' diżabilità permanenti ta' 5% sofferta mill-attur, dwar l-ammont ta' qligħ kif ikkalkulat fil-prospett tal-attur *a fol.* 113, ċjoè l-medja tal-paga minima fuq sitt snin ta' €9,738.90 u dwar il-*multiplier* ta' 6 snin. L-avukat difensur tal-konvenuta ma taqbilx ma' dak li ġie indikat mill-attur fil-prospett tiegħu bit-tnaqqis ta' 12% minħabba l-ħlas ta' *lump sum* peress li għaddew 4 snin minn meta seħħ l-inċident, meta fil-fatt għaddew biss tliet snin minn meta seħħ l-inċident u għalhekk it-tnaqqis minħabba *lump sum* kellu jkun ta' 14%. Il-konvenuta tikkontendi li l-inċident seħħ fit-18 ta' Mejju, 2014 u waqt it-trattazzjoni finali, li saret fid-19 ta' Frar, 2018, sostniet li ma kinux għaddew erba' snin iżda tliet snin u għalhekk mill-20% għal-*lump sum payment* għandu jitnaqqas 6% (2% għal tliet snin) u mhux 8%, kif qiegħed jikkontendi l-attur. Imma t-tnaqqis ta' 2% kull sena għandu jiġi kkalkulat minn kemm ikun għadda żmien mill-event dannuż sad-data tas-sentenza finali, u mhux sad-data tat-trattazzjoni finali. F'dan il-każ l-inċident seħħ fit-18 ta' Mejju, 2014 u s-sentenza finali qiegħda tingħata llum 9 ta' April, 2018, fejn l-erba' snin prattikament għaddew neqsin xahar u ftit ġranet. Għaldaqstant f'dawn iċ-ċirkostanzi it-tnaqqis minħabba *lump sum payment* għandu jkun ta' 12%.

Il-Qorti sejra timxi fuq *multiplier* ta' sitt snin, li l-partijiet jaqblu fuqu, tenut kont tal-età tal-attur fi żmien l-inċident, tal-*working life expectancy* tal-attur f'kuntest fejn il-*life expectancy* tal-Maltin żdiedet sostanzjalment u taċ-*chances and changes of life*.

Il-komputazzjoni tal-*lucrum cessans* għandha ssir b'dan il-mod:

€9,738.90 x 6 x 5% = €2,921.67. It-tnaqqis għal *lump sum payment* kif ingħad huwa ta' 12%. Għalhekk l-ammont dovut lill-attur bħala *lucrum cessans* hu ta' €2,571.07. L-attur sofra danni ta' €101.39 bħala *damnum emergens* u €2,571.07 bħala *lucrum cessans,* b'kollox €2,672.46.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta u tiddikjara li l-ewwel talba tal-attur ġiet eżawrita u saret inutilment. Tilqa' parzjalment it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuta kif ser jiġi rifless fil-kap tal-ispejjeż;**

**2. Tiċħad it-tieni u r-raba' eċċezzjonijiet tal-konvenuta;**

**3. Tilqa' parzjalment it-tieni talba tal-attur stante li l-parti tat-talba relatata mat-telf assolut tal-vettura tal-attur, saret inutilment;**

**4. Tilqa' t-tielet talba tal-attur u tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' elfejn, sitt mija u tnejn u sebgħin Euro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€2,672.46);**

**5. Tilqa' r-raba' talba tal-attur u tordna u tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attur is-somma hekk likwidata ta' elfejn, sitt mija u tnejn u sebgħin Euro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€2,672.46);**

**Bl-ispejjeż tal-ewwel talba tal-attur kontra l-istess attur u l-ispejjeż rimanenti tal-kawża għandhom jitħallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet. Bl-imgħax legali mil-lum sad-data tal-pagament effettiv tas-sorte, kontra l-konvenuta.**

Moqrija.